IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 21.12.2011
KUMM(2011) 932 finali

2011/0464 (NLE)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jtemm ir-reviżjoni interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 tal-miżuri tal-antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ferrosilikon li joriġinaw, inter alia, fir-Russja**

## MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

**Raġunijiet għall-proposta u l-objettivi tagħha**

Din il-proposta tikkonċerna l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ('ir-Regolament bażiku') fir-reviżjoni interim parzjali li tikkonċerna l-importazzjonijiet ta' ferrosilikon li joriġinaw mir-Russja.

**Kuntest ġenerali**

Din il-proposta qiegħda ssir fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-Regolament bażiku u hija r-riżultat ta’ investigazzjoni li twettqet skont ir-rekwiżiti sostantivi u proċedurali stipulati fir-Regolament bażiku.

**Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Bir-Regolament (KE) Nru 172/2008, il-Kunsill impona miżuri antidumping definittivi fuq importazzjonijiet ta' ferrosilikon li joriġinaw *inter alia* mir-Russja.

**Il-konsistenza ma’ politiki u għanijiet oħra tal-Unjoni**

Mhux applikabbli.

## 2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

**Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Il-partijiet interessati milquta mill-proċediment kellhom il-possibbiltà li jiddefendu l-interessi tagħhom matul l-investigazzjoni, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku.

**Il-ġbir u l-użu ta’ għarfien espert**

Ma kienx hemm ħtieġa ta’ kompetenzi esterni.

**Il-valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta hija r-riżultat tal-implimentazzjoni tar-Regolament bażiku. Ir-Regolament bażiku ma jipprevedix valutazzjoni ġenerali tal-impatt iżda jinkludi fih lista eżawrjenti ta’ kundizzjonijiet li għandhom jiġu vvalutati.

## 3. L-ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

**Taqsira tal-azzjoni proposta**

Nhar it-18 ta' Frar 2010, il-Kummissjoni nediet reviżjoni interim parzali limitata għad-dumping u għall-applikant Chelyabinsk Electrometallurgical Integrated Plant u l-kumpannija relatata tiegħu Joint Stock Company (JSC) Kuznetsk Ferroalloy Works fir-rigward ta' miżuri tal-antidumping li jikkonċernaw l-importazzonijiet ta' ferrosilikon li joriġinaw fir-Russja. L-eżitu tar-reviżjoni juri kontinwazzjoni ta' dumping qawwi. Barraminnhekk, ġie konkluż li ċ-ċirkustanzi mibdula li jwasslu għal dak il-marġni ta' dumping qawwi mhumiex ta' natura dejjiema.

Għaldaqstant, ġie propost li l-Kunsill jadotta l-proposta mehmuża għal Regolament li jtemm ir-reviżjoni interim parzjali tal-miżuri tal-antidumping applikabbli għal importazzjonijiet ta' ferrosilikon li joriġinaw fir-Russja bla ma jiġu emendati l-miżuri fis-seħħ. Ir-Regolament għandu jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mhux aktar tard mill-25 ta' Jannar 2012.

**Il-bażi ġuridika**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea.

**Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-proposta taqa' fil-kompetenza esklussiva tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

**Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin:

Il-forma ta' azzjoni hija deskritta fir-Regolament bażiku msemmi hawn fuq u ma tagħtix lok għal deċiżjoni nazzjonali.

L-indikazzjoni ta' kif il-piż finanzjarju u amministrattiv li jaqa' fuq l-Unjoni, il-gvernijiet nazzjonali, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-operaturi ekonomiċi u ċ-ċittadini huwa mminimizzat u proporzjonat meta mqabbel mal-għan tal-proposta, mhijiex applikabbli.

**L-għażla tal-istrumenti**

Strument propost: Regolament tal-Kunsill.

Mezzi oħrajn ma jkunux xierqa minħabba li r-Regolament bażiku ma jipprevedix għażliet alternattivi.

## 4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

## 5. ELEMENTI FAKULTATTIVI

Il-proposta ma fiha l-ebda elementi fakultattivi.

2011/0464 (NLE)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**li jtemm ir-reviżjoni interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 tal-miżuri tal-antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ferrosilikon li joriġinaw, inter alia, fir-Russja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta’ dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea[1] ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

**1. Proċedura**

**1.1. Miżuri fis-seħħ**

(1) Il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 172/2008[2], ('ir-Regolament oriġinali') impona dazju fuq l-antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ferrosilikon li joriġinaw, *inter alia*, fir-Russja. Il-miżuri jikkonsistu minn dazju *ad valorem* b'rata li tvarja minn 17,8 % sa 22,7 %. L-investigazzjoni li wasslet għal dan ir-Regolament se tissejjaħ, hawn taħt, "l-investigazzjoni oriġinali".

**1.2. Talba għal reviżjoni**

(2) Fit-30 ta’ Novembru 2009, il-Kummissjoni Ewropea ('il-Kummissjoni') irċeviet talba għal reviżjoni interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament baziku ('ir-reviżjoni interim'). It-talba, li ġiet irreġistrata minn produttur esportatur mir-Russja, Joint Stock Company (JSC) Chelyabinsk Electrometallurgical Integrated Plant u l-kumpanija relatata tiegħu Joint Stock Company (JSC) Kuznetsk Ferroalloy Works (minn hawn 'il quddiem imsejħa flimkien bħala 'l-applikant') kienet limitata fil-kamp ta' applikazzjoni għall-eżami ta' dumping sakemm huwa kkonċernat l-applikant. Ir-rata

[1] ĠU L 343, 21.12.2009, p. 51.
[2] ĠU L 55, 28.2.2008, p. 6.

tad-dazju fuq l-antidumping applikabbli għall-applikant hija ta' 22,7 % imsejsa fuq il-marġni ta' dumping tal-applikant.

(3) Fit-talba tiegħu, l-applikant qal li, safejn huwa kkonċernat l-applikant, iċ-ċirkostanzi li abbażi tagħhom il-miżuri eżistenti kienu ġew stabbiliti, inbidlu, u li dawn il-bidliet huma ta’ natura dejjiema.

(4) L-applikant ipprovda evidenza *prima facie* li turi li, safejn għandu x'jaqsam l-applikant, l-impożizzjoni kontinwa tal-miżura fil-livell attwali tagħha ma għadhiex meħtieġa biex tibbilanċja d-dumping. Skont l-informazzjoni sottomessa fit-talba, it-tqabbil tal-prezzijiet domestiċi tal-applikant u l-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni indikaw li l-marġni tad-dumping deher li huwa sostanzjalment aktar baxx mil-livell attwali tal-miżura.

### 1.3. L-inizjazzjoni ta' reviżjoni

(5) Wara li ddeterminat, b’konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li kienet teżisti evidenza biżżejjed biex tiġġustifika t-tnedija ta’ reviżjoni interim, il-Kummissjoni ddeċidiet li tniedi reviżjoni parzjali interim skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, limitata fl-ambitu għall-eżami ta’ dumping sa fejn għandu x’jaqsam l-applikant. Il-Kummissjoni ppubblikat avviż ta’ tnedija fis-27 ta’ Ottubru 2010 f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*[3] ('Avviż ta' tnedija') u tat bidu għal investigazzjoni.

### 1.4. Il-prodott ikkonċernat u l-prodott simili

(6) Il-prodott kkonċernat mir-reviżjoni interim huwa l-istess bħal dak fl-investigazzjoni oriġinali, jiġifieri ferrosilikon, li joriġina fir-Russja, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi tan-NM 7202 21 00, 7202 29 10 u 7202 29 90.

(7) Il-prodott li huwa prodott u mibjugħ fir-Russja u dak esportat lejn l-Unjoni għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi u l-istess użi u għalhekk meqjusa li huma simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

### 1.5. Il-partijiet ikkonċernati

(8) Il-Kummissjoni infurmat uffiċjalment lill-industrija tal-Unjoni, l-applikant u l-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur li kien ingħata bidu għal din ir-reviżjoni interim. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu fehmithom bil-miktub u li jinstemgħu.

(9) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-applikant u rċeviet tweġiba qabel ma’ skorriet id-data tal-iskadenza ffissata għal dak l-għan. Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset meħtieġa għad-determinazzjoni tad-dumping u għamlet żjarat ta' verifika fil-postijiet li ġejjin:

– Joint Stock Company JSC Chelyabinsk Electrometallurgical Integrated Plant ("CHEM"), Chelyabinsk, ir-Russja;

---

3 ĠU C 290, 27.10.2010, p. 15.

– Joint Stock Company JSC Kuznetsk Ferroalloy Works ("KF"), Kuznetsk, ir-Russja; kif ukoll

– RFA International LP ("RFAI") f'Mishawaka, l-Istati Uniti tal-Amerika & Nieuwdorp Zld, il-Pajjiżi l-Baxxi.

### 1.6. Il-perjodu ta’ investigazzjoni

(10) L-investigazzjoni kopriet il-perjodu mill-1 ta’ Ottubru 2009 sat-30 ta’ Settembru 2010 (il-'perjodu ta’ investigazzjoni għal reviżjoni jew PIR').

## 2. In-natura dejjiema taċ-ċirkostanzi mibdula

### 2.1. Introduzzjoni

(11) Bħala punt tal-bidu, qed jitfakkar li, skont il-preċedent każistiku tal-qrati tal-UE[4], meta tiġi evalwata l-ħtieġa li jitkomplew miżuri eżistenti f'reviżjoni msejsa fuq l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, l-Istituzzjonijiet għandhom diskrezzjoni wiesgħa, li tinkludi l-għażla li titwettaq evalwazzjoni prospettiva tal-politika tal-prezzijiet tal-esportaturi kkonċernati. Huwa f'dan il-kuntest li l-Istituzzjonijiet għandhom jeżaminaw l-argumenti tal-applikant rigward għaliex iċ-ċirkustanzi tas-sitwazzjoni nbidlu b'mod dejjiemi, biex allegatament jiġi ġġustifikat it-tnaqqis jew anki t-tneħħija tad-dazju.

(12) L-applikant stqarr li ċ-ċirkustanzi mibdula jistgħu b'mod raġonevoli jissejħu ta' natura dejjiema u għaldaqstant il-livell ta' miżuri għandu jitnaqqas jew il-miżuri għandhom jitneħħew għal kollox sa fejn huwa kkonċernat l-applikant, peress li mhux probabbli li fil-ġejjieni previst ikun hemm xi rikorrenza ta' importazzjonijiet suġġetti għad-dumping jew jekk ikun hemm ikunu f'livelli simili għal dawk stabbiliti fl-investigazzjoni oriġinali.

### 2.2. Rigward il-kwistjoni jekk l-applikant kienx għadu qed jeżerċita d-dumping fis-suq tal-UE tul il-PIR[5]

(13) Qabel ma jintwieġbu l-argumenti varji tal-applikant dwar in-natura (allegament) dejjiema taċ-ċirkustanzi (allegament) mibdula, huwa siewi li qabelxejn jitfissru l-kunsiderazzjonijiet tal-Istituzzjonijiet fir-rigward tal-kwistjoni jekk l-applikant jafx għadux kien qed jeżerċita d-dumping fis-suq tal-UE matul il-PIR.

#### *2.2.1. Valur normali*

(14) Għall-fini tad-determinazzjoni tal-valur normali l-ewwel ġie stabbilit jekk il-volum totali tal-bejgħ domestiku mill-kumpanija tal-prodott simili kienx rappreżentattiv meta mqabbel mal-volum tal-bejgħ totali tal-esportazzjoni lejn il-Komunità. Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, il-bejgħ domestiku hu kkunsidrat rappreżentattiv

---

[4] Ara, b'mod partikolari, il-verdett tas-17 ta' November 2009 fil-każ T-143/06 MTZ Polyfilms Ltd v. Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ECR-II p. 4133.

[5] Kif se jiġi spjegat hawn taħt, il-valur normali, il-prezz tal-esportazzjoni u t-tqabbil tagħhom, inħaddmu/twettqu l-ewwel darba b'mod separat għal CHEMK u KF. Biex jiġi ċċarat dan, f'din il-parti, il-kelma kumpanija xi minn daqqiet qed tintuża minflokk "applikant", peress li "applikant", kif mistqarr hawn fuq, tirreferi għal CHEMK u KF flimkien.

meta l-volum totali tal-bejgħ domestiku jkun mill-anqas 5 % tal-volum totali tal-bejgħ tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni. Instab li l-bejgħ globali mill-kumpanija tal-prodott simili fuq is-suq domestiku kien rappreżentattiv.

(15) Għal kull tip mibjugħ mill-kumpanija fis-suq lokali tiegħu u misjub li huwa komparabbli direttament mat-tip ta' prodott mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, ġie stabbilit jekk il-bejgħ lokali kienx rappreżentattiv biżżejjed għall-għanijiet tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku ta' tip ta' prodott partikolari kien ikkunsidrat rappreżentattiv biżżejjed meta l-volum totali ta' dak it-tip ta' prodott mibjugħ fis-suq domestiku lil klijenti indipendenti matul il-PIR rrappreżenta mill-inqas 5 % jew aktar tal-volum totali ta' bejgħ tat-tip ta' prodott komparabbli esportat lill-Unjoni.

(16) Sussegwentement ġie eżaminat jekk il-bejgħ domestiku ta' dan it-tip ta' prodott jistax jitqies bħala bejgħ li sar fl-andament normali tal-kummerċ skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku. Dan sar billi ġie stabbilit il-proporzjon tal-bejgħ domestiku profittabbli lill-konsumaturi indipendenti fis-suq domestiku ta' kull tip tal-prodott ikkonċernat esportat matul kull wieħed mill-perjodi.

(17) Għal dawk it-tipi ta' prodotti fejn aktar minn 80 % bħala volum ta' bejgħ fis-suq domestiku tat-tip ta' prodott kienu ogħla mill-kost u l-medja differenzjata tal-prezz ta' bejgħ ta' dak it-tip kienet daqs jew iktar mill-prezz ta' unità ta' produzzjoni, il-valur normali, skont it-tip ta' prodott, ġie kkalkulat bħala l-medja differenzjata tal-prezzijiet domestiċi attwali tal-bejgħ kollu tat-tip ikkonċernat, irrispettivament minn jekk dak il-bejgħ sarx bi profitt jew le.

(18) Meta l-ammont ta' bejgħ bi qligħ ta' tip ta' prodott kien jirrappreżenta 80 % jew inqas tal-volum ta' bejgħ totali ta' dak it-tip, jew meta l-prezz medju differenzjat ta' dak it-tip kien inqas mill-kost ta' unità ta' produzzjoni, il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezz domestiku attwali, li ġie kkalkulat bħala prezz medju differenzjat tal-bejgħ domestiku bi qligħ biss ta' dak it-tip magħmul matul kull wieħed mill-perjodi.

(19) Kulfejn il-prezzijiet domestiċi ta' tip ta' prodott partikolari mibjugħ mill-kumpanija ma setgħux jintużaw sabiex jiġi stabbilit il-valur normali, il-valur normali kellu jiġi stabbilit skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku.

(20) Meta jinbena l-valur normali skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku, l-ammonti għall-ispejjeż ġenerali, amministrattivi u ta' bejgħ u għall-profitti ġew imsejsa, skont l-Artikolu 2(6), l-ewwel subparagrafu introduttorju, tar-Regolament bażiku, jiġifieri fuq id-dejta effettiva marbuta mal-produzzjoni u l-bejgħ, fl-andament normali tal-kummerċ, tal-prodott simili, mill-kumpanija.

*2.2.2. Il-prezz tal-esportazzjoni*

(21) Il-bejgħ b'esportazzjoni tal-kumpanija lejn l-UE jsir permezz tal-fergħa Svizzera tal-kumpanija relatata tagħha RFAI li matul il-PIR wettqet il-funzjonijiet kollha tal-importazzjoni inkonnessjoni mal-oġġetti li jiddaħħlu f'ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni, jiġifieri dawk ta' importatur relatat.

(22) Il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku, fuq il-bażi tal-prezzijiet li bihom il-prodotti importati nbiegħu mill-ġdid għall-ewwel darba

lil xerrej indipendenti, aġġustati għall-ispejjeż kollha li ġġarrbu bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, kif ukoll bħala marġini raġonevoli għall-ispejjeż ta' bejgħ, ġenerali u amministrattivi (SG&A) u l-qligħ. Għal dan il-għan, fl-assenza ta' tagħrif ġdid minn importaturi indipendenti dwar il-profitti akkumulati, sar użu mir-rata ta' profitt applikata fl-investigazzjoni oriġinali, jiġifieri 6 %.

(23) L-applikant stqarr li RFAI għandha tiġi trattata bħala parti mill-istess entità ekonomika waħdanija (SEE) u li għaldaqstant meta jiġu ddeterminati l-prezzijiet tal-esportazzjoni l-ebda tnaqqis ma għandu jsir għal SG&A u profitt ta' RFAI.

(24) Din l-affermazzjoni ma tistax tiġi aċċettata minħabba r-raġunijiet li ġejjin:

– iż-żewġ produtturi esportaturi għandhom dipartiment tal-bejgħ bl-esportazzjoni tagħhom infushom;

– RFAI hija involuta bil-qawwi fl-attività internazzjonali tal-Grupp (eż. assistenza lill-konsumaturi, loġistika u skedar tal-konsenji, xiri ta' oġġetti kapitali u materjali prima ewlenin, eċċ.);

– il-fergħa Svizzera ta' RFAI qed twettaq il-funzjonijiet kollha li normalment jitwettqu minn importatur relatat fl-UE;

– RFAI tbigħ ferrosilikon f'isimha stess u fuq il-kont tagħha lil konsumaturi mhux relatati fl-UE u bnadi oħra;

– RFAI għandha relazzjoni ta' xiri-bejgħ maż-żewġ prodoutturi relatati Russi KF u CHEM;

– kull kumpanija tabbozza r-rapport finanzjarju tagħha stess u ma jeżisti l-ebda rapport finanzjarju konsolidat; kif ukoll

– kull kumpanija tirreġistra r-ritorn tat-taxxa rispettiv tagħha mal-awtoritajiet rispettivi.

– Għaldaqstant, it-talba li l-ebda tnaqqis ma għandu jsir għal SG&A u l-profitt fit-tiswir tal-prezz tal-esportazzjoni għandha tiġi miċħuda. Il-kummenti tal-applikant dwar dan il-punt b'risposta għall-iżvelar finali se jiġu diskussi hawn taħt (il-punt 2.3).

(25) L-applikant stqar ukoll li l-ebda tnaqqis tad-dazju fuq l-antidumping ma għandu jsir fil-kalkolu tal-prezz tal-esportazzjoni skont l-Artikolu 11(10) tar-regolament bażiku, peress li d-dazju huwa rifless kif jixraq fil-prezzijiet tal-bejgħ mill-ġdid u l-prezzijiet tal-bejgħ sussegwenti fl-Unjoni. Fir-rigward ta' din it-talba, l-investigazzjoni stabbiliet li l-prezzijiet tal-bejgħ mill-ġdid medji differenzjati tal-ferrosilikon fl-Ewropa żdiedu meta mqabbla mal-prezzijiet fl-investigazzjoni oriġinali u l-prezzijiet tal-bejgħ mill-ġdid bl-esportazzjoni attwali huma fil-biċċa l-kbira tagħhom aktar minn 22,7 % ogħla mit-tali prezzijiet fl-investigazzjoni oriġinali. Għaldaqstant, jista' jiġi konkluż li d-dazju fuq l-antidumping huwa rifless kif jixraq fil-prezzijiet tal-bejgħ mill-ġdid tal-applikant. B'riżultat ta' dan, din it-talba tal-applikant tista' tiġi aċċettata u, fil-kalkolu tal-prezzijiet tal-esportazzjonijiet imsawra skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku, ma sar l-ebda tnaqqis fid-dazji fuq l-antidumping.

*2.2.3. Tqabbil*

(26) Il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tqabblu fuq bażi ta' *ex* fabbrika. Għall-iskop li jiġi żgurat tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni, tqiesu b'mod xieraq, f'għamla ta' aġġustamenti, id-differenzi fl-ispejjeż tat-trasport, l-ispejjeż tal-assikurazzjoni, l-ispejjeż terminali u amminstrattivi, l-ispejjeż tal-kreditu, kummissjonijiet, fejn dawn kienu applikabbli u ġġustifikati, skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.

*2.2.4. Marġni ta' dumping*

(27) Skont l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, il-valur medju normali differenzjat skont it-tip tqabbel mal-prezz medju ddifferenzjat tal-esportazzjoni tat-tip korrispondenti tal-prodott ikkonċernat. L-eżitu wera li kien hemm dumping.

(28) Biex jiġi kkalkulat l-marġni tad-dumping, l-Istituzzjonijiet, bħal fl-investigazzjoni oriġinali, innutaw li CHEMK u KF huma relatati mill-qrib. Bħal fl-investigazzjoni oriġinali, u b'mod konformi mal-prattika standard tal-Istituzzjonijiet, marġni tad-dumping waħdanija ġiet ikkalkulata għall-Grupp kollu kemm hu. Fil-metodu li ntuża biex isir dan fl-iżvelar finali, l-ammont ta' dumping ġie kkalkulat għal kull produttur esportatur individwali qabel ġiet iddeterminata r-rata medja differenzjata tad-dumping għall-grupp kollu kemm hu. Għandu jiġi nnotat li din il-metodoloġija kienet differenti mill-metodoloġija applikata fl-investigazzjoni oriġinali, fejn il-kalkolu tad-dumping sar billi ġiet kollassata d-dejta rilevanti kollha fir-rigward tal-bejgħ domestiku, l-ispiża tal-produzzjoni, il-profittabilità u l-bejgħ fl-UE tal-entitajiet produċenti. L-applikant stqarr li l-applikazzjoni ta' din il-metodoloġija tkun kontra l-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku. Din il-kwistjoni se tiġi diskussa wkoll hawn taħt (il-punt 2.3).

**2.3. Analiżi tar-reazzjonijiet għall-iżvelar finali relatata mal-marġni tad-dumping matul il-PIR.**

(29) L-applikant issottometta għadd ta' kummenti dwar ċerti aspetti tal-kalkoli bħall-ispiża tal-produzzjoni, SG&A, il-marġni tal-profitt, il-valur normali u l-allokazzjonijiet. Dawn il-kummenti lkoll tqiesu u, fejn jixraq, l-iżbalji klerikali tranġaw. Għaldaqstant, is-sejbiet definittivi ġew immodifikati.

(30) Barra minn hekk, l-applikant talab lill-Kummissjoni tesprimi l-ammont ta' dumping abbażi tal-valur CIF li sawru huma stess għall-għanijiet ta' din l-investigazzjoni, biex b'hekk saret referenza għall-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. It-talba ssejset fuq il-bażi li l-prezz iddikjarat lill-awtoritajiet doganali huwa prezz ta' trasferiment li forsi huwa l-prezz korrett għall-għanijiet doganali, iżda ma huwiex prezz li għandu jintuża biex jiġi kkalkulat id-dumping fi proċediment tal-antidumping. Din it-talba għandha tiġi miċħuda billi d-differenza bejn il-prezz tal-esportazzjoni u l-valur normali, jiġifieri l-ammont tad-dumping, għandha tiġi espressa fuq l-istess bażi bħal dik li sussegwentement tintuża mill-awtoritajiet doganali biex jiġi ddeterminat kwalunkwe dazju li għandu jinġabar. Dan huwa fil-fatt il-valur CIF iddikjarat mill-applikant lill-awtoritajiet doganali. Konsegwentement, dan tal-aħħar intuża fil-kalkoli.

(31) Fir-rigward tal-kalkolu tal-ispiża tal-produzzjoni, l-applikant ikkontesta l-metodoloġija tal-Kummissjoni li tuża l-prezz tax-xiri medju ta' oġġett ta' spiża ewlieni minn fornitur mhux relatat minflok il-prezz attwali mħallas lil fornitur relatat għall-istess oġġett ta'

spiża fit-tiswir tal-valur normali. Din it-talba għandha tiġi miċħuda billi l-prezz mitlub mill-fornitur relatat kien b'mod sinifikanti aktar baxx mill-prezz imħallas għall-istess materjal prim lil fornitur indipendenti. Dan il-prezz, għalhekk, ma jistax jitqies bħala prezz li l-partijiet separati jaqblu fuqu. Għaldaqstant, dan l-element ta' spiża kellu jiġi aġġustat.

(32) Wara l-iżvelar, l-applikant stqarr li l-ispejjeż tal-imballaġġ ma ġewx trattati b'mod konsistenti meta wieħed iqabbel il-prezzijiet tal-esportazzjoni mal-valuri normali. Din il-kwistjoni ġiet mistħarrġa u, fejn applikabbli, tranġaw l-iżbalji klerikali.

(33) L-applikant ikkummenta wkoll dwar l-esklużjoni tat-tranżazzjoni ta' esportazzjoni ta' tipi ta' prodott partikolari. Il-bejgħ fl-UE ta' dan it-tip ta' prodott jirrappreżenta anqas minn 5 % tal-bejgħ tal-UE tal-applikant tal-prodott ikkonċernat matul il-PIR. Dan il-punt kellu jiġi miċħud peress li l-ebda bejgħ ta' dan it-tip ta' prodott ma sar fis-suq domestiku u lanqas ma ġiet provduta l-ispiża speċifika tal-produzzjoni. Billi dan it-tip ta' prodott kien ġie esportat lejn l-UE f'volumi baxxi matul il-PIR, dan għaldaqstant tqies bħala mhux xieraq li wieħed jirreferi għalih biex jissawwar il-valur normali abbbażi tal-ispejjeż tal-manifattura ta' tipi ta' prodotti oħrajn, biex b'hekk isiru aġġustamenti għal differenzi fil-prodotti.

(34) Barra minn hekk u kif spjegat hawn fuq, b'mod partikolari fir-rigward taż-żewġ punti importanti tal-kalkolu tal-marġni tad-dumping, jiġifieri i) il-kwistjoni jekk CHEMK, KIF u RFAI jiffurmawx entità ekonomika waħdanija[6] u ii) il-kalkolu ta' ammont individwali ta' dumping għal CHEMK minn naħa l-waħda, u għal KF min-naħa l-oħra[7], l-applikant ta kummenti dettaljati fir-reazzjoni tiegħu għall-iżvelar definittiv.

(35) Fir-rigward tal-ewwel stqarrija, u b'mod partikolari fir-rigward tal-punti msemmija mill-applikant fir-reazzjoni tiegħu għall-iżvelar definittiv, ġie osservat dan li ġej.

(36) L-applikant saħaq il-pożizzjoni tiegħu li ż-żewġ produtturi esportaturi u l-kummerċjant relatat RFAI huma fl-aħħar mill-aħħar taħt is-sjieda u l-kontroll tal-istess benefiċjarji u li, allura, ma għandhom l-ebda awtonomija u sempliċiment isegwu l-istruzzjonijiet ta' sid l-applikant. Hu rrikonoxxa l-elementi kollha elenkati fil-premessa (24) hawn fuq, iżda ma qabilx mal-apprezzament tagħhom min-naħa tal-Istitituzzjonijiet peress li dawn ma jkollhom l-ebda influwenza fuq jekk CHEMK, KF u RFAI humiex ilkoll partijiet minn SEE.

(37) L-Istituzzjonijiet ċaħdu l-kummenti tal-applikant. Il-kriterji li diġà ġew elenkati hawn fuq, huma, speċjalment jekk jittieħdu inkonsiderazzjoni flimkien, imsejsa sew biex jiġġustifikaw iċ-ċaħda tal-istqarrija tal-applikant. L-elementi kollha elenkati fil-premess (24) hawn fuq jippuntaw subgħajhom lejn struttura ta' grupp li fih il-kumpaniji kollha huma entitajiet ġuridiċi distinti u li fih KF u CHEMK wettqu l-funzjoni sħiħa ta' prodotturi esportaturi (funzjoni ta' produzzjoni u esportazzjoni) filwaqt li RFAI topera l-aktar bħala kummerċjant relatat/importatur fl-UE.

(38) Fir-rigward tat-tieni stqarrija, mhux neċessarju li tittieħed pożizzjoni finali dwar din il-materja fil-kuntest ta' din l-investigazzjoni ta' reviżjoni. Dan jirriżulta mill-kombinazzjoni ta' żewġ raġunijiet. L-ewwel nett, anki jekk din l-istqarrija tiġi aċċettata

[6] Ara l-premessa 23 hawn fuq.
[7] Ara l-premessa 27 hawn fuq.

(apparti li jiġu aċċettati, fejn jixraq, l-istqarrijiet imsemmija fil-premessa (29) t'hawn fuq), l-applikant xorta jkun instab li eżerċita d-dumping fis-suq tal-UE, matul il-perjodu tal-PIR, b'marġni ta' dumping ta' madwar 13 %. It-tieni, kif spjegat hawn taħt, fi kwalunkwe każ hemm evidenza attwali insuffiċjenti biex wieħed jikkunsidra l-marġni ta' dumping matul il-perjodu tal-PIR bħala wieħed dejjiemi.

(39) Fir-reazzjoni tagħha għall-iżvelar definittiv, l-industrija tal-Unjoni argumentat li, bħala riżultat tal-investigazzjoni ta' reviżjoni, id-dażju fuq il-prodotti tal-applikant għandu jiżdied, billi, jekk it-talbiet kollha tal-applikant jiġu miċħuda, il-marġni tad-dumping misjub matul il-PIR ikun ogħla mid-dazju appikabbli. Madankollu, billi, kif spjegat hawn taħt, hemm evidenza insuffiċjenti ta' bidla dejjiema fiċ-ċirkustanzi, ma hemm l-ebda ġustifikazzjoni biex jiġi modifikat id-dazju, la 'l fuq u lanqas 'l isfel.

## 2.4. Analiżi tal-kwistjoni jekk hemmx bidla dejjiema fiċ-ċirkustanzi li tiġġustifika tnaqqis jew tneħħija tad-dazju

(40) Madankollu, minkejja li ċerti stqarrijiet tal-appikant kif deskritti hawn fuq jistgħu jiġu aċċettati, xorta nstab li dan eżerċita d-dumping fis-suq tal-UE, matul il-PIR, b'marġni tad-dumping ta' talanqas 13 %. Barra minn hekk, kif se jiġi spjegat hawn taħt, fi kwalunkwe każ hemm evidenza insuffiċjenti biex wieħed jikkunsidra l-marġni ta' dumping matul il-perjodu tal-PIR bħala wieħed dejjiemi.

(41) L-applikant sejjes ir-raġunament tiegħu dwar bidla dejjiema fiċ-ċirkustanzi fuq il-punti li ġejjin.

(42) (i) L-ewwel nett, l-applikant semma l-bidliet fl-istruttura tal-bejgħ bl-esportazzjoni tal-grupp, li, flimkien mal-esplorazzjoni ta' swieq ġodda li qed jikbru, jikkontribwixxu għal prezzijiet ogħla tal-esportazzjoni tal-ferrosilikon lejn is-swieq tal-esportazzjoni kollha, inkluża l-UE, bi tqabbiil mal-prezzijiet matul l-investigazzjoni oriġinali. Madankollu, l-applikant ma pprovdiex evidenza sostanzjata biex juri l-konnesjoni bejn l-istruttura korporattiva l-ġdida, l-esplorazzjoni ta' swieq ġodda li qed jikbru u l-prezzijiet ogħla fis-suq tal-UE. Din il-konnessjoni lanqas ma feġġet mill-investigazzjoni. Għall-kuntrarju, filwaqt li l-prezzijiet tal-esportazzjoni kienu ogħla b'mod ċar fil-PIR meta mqabbla mal-prezzijiet osservati matul il-perjodu tal-investigazzjoni oriġinali, dawn madankollu kienu volatili ferm. Bħala eżempju, fil-PIR, id-differenza bejn l-anqas u l-ogħla prezz ta' tranżazzjoni għal kull tunnellata tal-aktar mudell mibjugħ fis-suq tal-UE kienet ta' aktar minn 100 %. Volatilità simili tista' tiġi osservata fis-suq domestiku, imma x-xejra fil-prezzijiet fis-suq tal-UE ma tistax titqabbel max-xejra fil-prezzijiet tas-suq domestiku. Dan jgħodd ukoll għall-perjodu ta' 12-il xahar qabel il-PIR li kienu ġew mistħarrġa fil-qafas ta' investigazzjoni parallela dwar rimborż. Tabilħaqq, il-prezzijiet tal-bejgħ bl-esportazzjoni jidhru li segwew il-prezzijiet tas-suq globali.

(43) Wara l-iżvelar, l-applikant uża argumenti simili. Madankollu, għal darb'oħra ġiet ipprovduta evidenza insuffiċjenti. Għaldaqstant, huwa konkluż li ma hemmx evidenza suffiċjenti, f'dan il-punt ta' żmien, li tindika li dawn il-prezzijiet ogħla tal-esportazzjoni mill-appikant huma xi ħaġa oħra għajr konsegwenza tal-prezzijiet prevalenti fis-suq (b'mod partikolari dawk fis-suq tal-UE) matul il-PIR. Fi kliem ieħor, hemm evidenza insuffiċjenti ta' bidliet mill-applikant fl-istruttura korporattiva tal-esportazzjoni tiegħu li min-naħa tagħhom ikkawżaw dawn il-prezzijiet ogħla, u għalhekk, dawn il-prezzijiet jistgħu jiġu mistennija li jibqgħu f'livelli simili (jew ogħla) fil-ġejjieni. B'mod

partikolari, bil-maqlub ta' dak li jimplika l-applikant, anki jekk wieħed jassumi li l-istruttura l-ġdida għamlet lill-grupp aktar effiċjenti, dan ma jfissirx li fil-ġejjieni l-prezzijiet tal-esportazzjoni tiegħu lejn l-UE se jkunu għoljin u ma jirriżultawx f'dumping.

(44) (ii) It-tieni nett, l-applikant iddikjara li l-prezzijiet tal-esportazzjoni tiegħu lejn swieq oħrajn kienu konformi jew anki ogħla mill-prezzijiet tal-bejgħ tiegħu fl-UE. Saru investimenti sinifikanti biex ifornu aħjar lil swieq oħrajn. Għalhekk, it-tnaqqis jew it-tneħħija tal-miżuri tal-antidumping b'rabta mal-applikant ma joħolqux inċentiva għal żieda fl-esportazzjoni lejn l-UE u/jew inaqqsu l-prezzijiet tagħha.

(45) Madankollu, din l-istqarrija ma tistax twassal għat-tneħħija jew it-tnaqqis tal-miżuri fis-seħħ. Qed jiġi mfakkar li, anki skont l-applikant innifsu, matul il-PIR dan kien għadu qed jeżerċita d-dumping. Barra minn hekk, l-applikant innifsu enfasizza li l-UE baqgħet wieħed mis-swieq tradizzjonali tiegħu. Dan jikkorroborah il-fatt li l-volumi mibjugħa mill-applikant fl-UE għadhom sinifikanti ferm; Jekk wieħed iqabbel il-volumi tal-bejgħ mal-konsum fl-UE matul il-PI tal-investigazzjoni oriġinali[8], dawn ikunu jirrappreżentaw sehem sinifikanti mis-suq (bejn 5 u 20 %, iċ-ċifri preċiżi ma jistgħux jiġu żvelati għal raġunijiet ta' kunfidenzalità).

(46) Wara l-iżvelar, l-applikant tenna l-pożizzjoni tiegħu li l-opportunitajiet ta' swieq ġodda qegħdin fi swieq oħrajn (l-Indja, l-Ażja u l-Istati Uniti tal-Amerika) aktar milli fl-UE. Madankollu, l-applikant ma pprovda l-ebda evidenza sostanzjata biex jagħti xhieda tal-istrateġiji tas-suq tiegħu. Il-marġni tad-dumping li għadha eżistenti fil-PIR, in-nuqqas ta' dejta dwar swieq oħrajn u l-volatilità tal-prezz tal-bejgħ bl-esportazzjoni fis-suq internazzjonali huma lkoll elementi li ma jwieżnux din l-istqarrija li, allura, għandha tiġi miċħuda.

(47) (iii) It-tielet, fl-opinjoni tal-applikant, is-suq domestiku Russu, bi produzzjoni sinifikanti tal-azzar, jibqa' wieħed mill-aktar swieq importanti tiegħu u d-domanda għall-prodott simili fir-Russja mistennija li tikber. Il-prezzijiet domestiċi u tal-esportazzjoni tal-ferrosilikon għandhom jikbru wkoll aktar malajr mill-ispejjeż tal-produzzjoni. L-applikant għalhekk x'aktarx li jkompli jżid il-bejgħ tiegħu fis-suq domestiku, anki peress, skont l-applikant, li l-uniku produttur Russu ieħor tal-ferrosilikon, wara bidla riċenti fis-sidien, se jipproduċi l-aktar għal konsum kaptiv.

(48) Anki jekk dawn l-allegazzjonijiet kollha jitqiesu minnhom, xorta jibqa' l-każ li matul il-PIR, l-applikant kien qed jeżerċita d-dumping b'marġni konsiderevoli, u bi prezzijiet volatili. Barra minnn hekk, kif spjegat hawn fuq, il-volumi mibjugħa mill-applikant lill-UE matul il-PIR ma jissuġġerixxux li dan warrab minn dak is-suq jew li jintendi li jagħmel fil-futur qrib.

(49) Fil-kummenti tiegħu dwar l-iżvelar, l-applikant saħaq li l-unika raġuni ppreżentata fl-iżvelar mill-Kummissjoni biex tiċħad ir-rilevanza taż-żieda fid-domanda fis-suq domestiku hija l-kobor tal-marġni tad-dumping misjub. Barra minn hekk, l-applikant

[8] L-istituzzoniiet jużaw id-deta dwar il-konsum fl-UE matul il-PI tal-investigazzjoni oriġinali aktar milli fil-PIR. Dan għax, billi din ir-reviżjoni hija limitata għall-eżaminazzjoni ta' dumping – u ma tkoprix kwistjonijiet ta' dannu – l-istituzzjonijiet ma għandhomx dejta verifikata dwar il-konsum kollu fl-UE matul il-PIR.

sostna li l-Kummissjoni, minkejja li rrikonoxxiet bosta mill-punti ewlenin konnessi mas-suq Russu, naqset milli tasal għal konklużjoni adegwata minn dawn l-argumenti.

(50) Dawn l-affermazzjonijiet għandhom jiġu miċħuda. L-ewwel nett, mhux biss is-sejbiet ta' dumping, imma anki s-sejbiet tal-volumi huma xhieda kontra l-argument. It-tieni, l-Istituzzjonijiet innutaw li l-ebda rikonoxximent ma sar mill-Kummissjoni u l-ebda dejta indipendenti ma ġiet ipprovduta biex issostni l-istqarrija li d-domanda għall-prodott ikkonċernet mistennija li tikber fir-Russja u li l-prezzijiet tal-esportazzjoni tal-grupp se jogħlew ħafna aktar malajr mill-ispiża tal-produzzjoni.

(51) (iv) Ir-raba', l-applikant semma li s-siti tal-produzzjoni Russi tiegħu tal-ferrosilikon ħadmu bil-kapaċità massima tagħhom għal għadd ta' snin, li ma kellu l-ebda pjanijiet li jżid il-kapaċità produttiva kumplessiva tiegħu tal-ferrosilikon fil-futur prevedibbli u li ma kien hemm l-ebda indikazzjoni bil-maqlub ta' dan.

(52) Madankollu, ġie nnutat irkupru sinifikanti tal-kapaċitajiet wara l-kriżi finanzjarja tal-2009 u l-applikant irrapporta espansjoni tal-kapaċitajiet b'10 % - 20 % (firxa pprovduta għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità) meta mqabbla mal-perjodu ta' qabel il-kriżi finanzjarja tal-2009.

(53) Wara l-iżvelar, l-applikant issottometta li tqabbil tal-kapaċità tal-produzzjoni ta' wara l-PIR ma' dik tal-perjodu ta' referenza ma kienx jixraq billi l-applikant kien antiċipa l-kriżi finanzjarja tal-2009 u, allur, kien diġà naqqas il-kapaċità tal-produzzjoni. Dan l-argument ma jistax jiġi aċċettat; Espansjoni tal-kapaċitajiet irrapportati b'10 % = 20 % tista' tiġi osservata bi tqabbil mal-2007 – u mhux mal-2009, meta l-kapaċitajiet kienu fl-aktar livelli baxxi tagħhom. Barra minn hekk, il-kriżi finanzjarja tal-2009 ma setgħetx laqtet il-kapaċità tal-produzzjoni tal-applikant fl-2007.

## 2.5. Konklużjoni: evidenza insuffiċjenti ta' natura dejjiema ta' bidliet fiċ-ċirkustanzi

(54) L-analiżi tal-talbiet tal-applikant fir-rigward tan-natura dejjiem tal-bidliet fiċ-ċirkustanzi, kif imfisser hawn fuq, twassal għall-konklużjoni li bħalissa hemm evidenza insuffiċjenti li kwalunkwe bidliet fiċ-ċirkustanzi huma ta' natura dejjiema. Il-prezzijiet tal-esportazzjoni tal-applikant, u allura l-marġni tad-dumping tiegħu, jidhru li se jkomplu jitilgħu u jinżlu, wara b'mod partikolari, l-iżvilupp fis-suq dinji tal-prezzijiet. Għalkemm l-applikant wera ċerti bidliet fiċ-ċirkustanzi, dawn ma jistgħux jitqiesu ta' xhieda li x-xejra tal-prezzijiet tal-applikant tul il-PIR hija ta' natura dejjiema. Għaldaqstant ġie konkluż li ikun prematur u għalhekk mhux ġustifikat li jitnaqqas id-dazju f'dan il-punt ta' żmien.

## 3. Impenji

(55) L-applikant flimkien mal-importatur relatat miegħu offrew impenn ta' prezz b'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament bażiku.

(56) L-investigazzjoni kkonfermat li l-prezz tal-prodott huwa volatili ferm. Kif diġà ssemma fil-premessa (42) hawn fuq, ġie stabbilit li l-prezzijiet tal-bejgħ fl-UE mill-applikant matul il-PIR varjaw b'mod sinifikanti ferm. Il-prodott, għalhekk, mhux adatt għal impenn ta' prezz iffissat. Minkejja li l-esportatur ippropona mekkaniżmu ta' indiċjar, ma kienx possibbli li tiġi stabbilita korrelazzjoni bejn il-volatilità tal-prezz tal-prodott lest u l-għajn tal-indiċjar propost, b'mod partikolari billi dan kien relatat

ukoll mal-prodott lest u rrefera għal prezzijiet li kienu influwenzati minn importazzjonijiet suġġetti għad-dumping. Għalhekk, l-indiċjar propost tqies li mhux adatt.

(57) Fir-rigward tar-riskji speċifiċi tal-kumpanija, ġie stabbilit li minħabba l-kumplessità tal-istruttura tal-kumpanija, ir-riskju ta' krosskumpens huwa għoli ferm: prodotti oħrajn għajr il-prodott ikkonċernat jafu jinbiegħu permezz ta' kummerċjant barra mill-Unjoni lil fergħa f'pajjiż terz relatat ieħor u mbagħad jerġgħu jinbiegħu fl-Unjoni.

(58) Fl-aħħar nett, billi l-prodott innifsu jeżisti fi kwalitajiet differenti u huwa importat l-aktar bl-ingrossa, ma jkunx possibbli għall-awtoritajiet doganali li jiddistingwu l-ispeċifikazzjoni kimika (potenzjalment suġġetta għal Prezzijiet tal-Importazzjoni Minimi differenti) bla analiżi individwali ta' kull tranżazzjoni, biex b'hekk il-monitoraġġ isir diffiċli ħafna, jekk mhux ukoll imprattikabbli.

(59) Għalhekk l-offerta ta' impenn ġiet miċħuda.

4. **Terminazzjoni tar-reviżjoni**

(60) Fid-dawl tas-sejbiet ta' dumping kif ukoll fl-assenza ta' natura dejjiema ppruvata tal-bidliet fiċ-ċirkustanzi, ġie konkluż li JSC Chelyabinsk Electrometallurgical Integrated Plant u l-kumpanija relatata tagħha JSC Kuznetsk Ferroalloy Works għandhom ikomplu jkunu suġġetti għal-livell ta' dazju speċifikat fir-regolament oriġinali, jiġifieri ta' 22,7 %.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-reviżjoni interim parzjali tal-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ferrosilikon li jorġinaw, *inter alia*, fir-Russja, mibdija skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009, hija b'dan mitmuma mingħajr emendi għal-livelli tal-miżura tal-antidumping fis-seħħ.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*